**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT

## LAQGĦA NUMRU 17 – IT-TLIETA, 20 TA' DIĊEMBRU 2011 FIS-6.00PM

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Dr Frank Bartolo | Chairman |
| | Alfred Mangion | Viċi Chairman |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Salvatore Mousù | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata | Janet Barthet | Membru |

**1 Minuti Numru 16**

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. F'4.5 għandha tiżdied "Din issir konġunta mal-kumplament ta' San Ġwann" F'7.3 għandha tidħol il-kelma "Rapport" wara l-kelma "Kopja".

1.2 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Il-Kumitat ġie infurmat li intgħażel is-Sur Owen Borg mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni bħala l-kuntrattur il-ġdid tal-knis tal-Kappara.

2.2 Il-Kumitat ġie infurmat li ntgħażlet is-Sinjorina Deborah Camilleri bħala l-iskrivana tal-Kunsill.

2.3 Il-Kumitat ġie infurmat li d-dipartiment inkariga lis-Sur Adrian Strickland biex joħloq stemma ġdida għall-kumitati amministrattivi kollha.

***3 Proġett Roundabout Kappara***

3.1 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-MEPA u kopja lit-TM fejn fl-opinjoni tal-Kumitat Amministtrattiv tal-Kappara, *Option* B hija l-aktar waħda tajba.

## 4 Tabelli fi Triq Wied Għollieqa

4.1 Saret diskussjoni rigward it-tabelli ta' *no stopping* li saru fi Triq Wied Għollieqa fuq in-naħa tal-wied. Ġie deċiż li dawn it-tabelli għandhom ikunu biss sal-aħħar dar biex nassiguraw li r-residenti ta' din it-triq ikollhom aċċess liberu għall-garaxxijiet.

## 5 Affarjiet oħra

5.1 Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Università ta' Malta biex tiġi rranġata l-*fence* li hemm fi Triq Wied Għollieqa.

5.2 Għandhom jiġu rranġati t-tabelli li hemm fi Triq l-Alwett u l-oħra li hemm fi Triq il-Gallina kif ukoll niktbu lill-Enemalta biex jitneħħew l-arbli li hemm fi Triq il-Ħuttaf minħabba li huma antiki u bla użu.

5.3 Il-Kumitat ġie infurmat li ġiet *awarded* it-*tender* tal-Ġnien G M Camilleri. Għandhom jitqiegħdu l-*planters* fl-ispazju miftuħin biex ma jibqax isir logħob tal-ballun.

5.4 Għandhom isiru t-tabelli "*No Heavy Vehicles except to render a service*" fi Triq il-Gallina, Triq il-Ħida, Triq Antonio Schembri u Triq il-Falkun.

5.5 Għandha ssir laqgħa fuq il-post mas-Sur Michael Micallef rigward l-ittra tal-appell li għamel rigward l-*pedestrian crossing* li hija proposta fi Triq Birkirkara.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 10 ta' Jannar 2012 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| **Kurt Guillaumier** | **Dr Frank Bartolo** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |